

Brussell, 13 ta' Lulju 2026
(OR. en)

11825/26

PUBLIC 57
INF 216

NOTA

Suġġett: SOMMARJU TA' KULL XAHAR TAL-ATTI TAL-KUNSILL - Ġunju 2026

Dan id-dokument jelenka l-atti adottati mill-Kunsill permezz ta' proċedura bil-miktub f'Ġunju 2026.¹

Għal referenza faċli, it-"titoli qosra" kif imsemmija fl-aġendi tal-Kunsill huma indikati wkoll (bil-korsiv).

Huwa jipprovdi informazzjoni dwar l-adozzjoni ta' atti leġiżlattivi u mhux leġiżlattivi, inkluż:

- id-data tal-adozzjoni permezz ta' proċedura bil-miktub,²
- in-numru tad-dokument adottat,
- ir-referenza tal-Ġurnal Uffiċjali.

Informazzjoni dwar atti oħra adottati mill-Kunsill tista' tinstab fuq il-paġna web iddedikata tal-Kunsill, taħt it-taqsimha "Laqgħat"³. Dan id-dokument huwa disponibbli wkoll fuq is-sit web tal-Kunsill: [Sommarji ta' kull xahar tal-atti tal-Kunsill - Consilium](#)

¹ Minn Jannar 2026, is-sommarji ta' kull xahar tal-atti tal-Kunsill ser jinkludu biss informazzjoni dwar atti leġiżlattivi u mhux leġiżlattivi adottati permezz ta' proċedura bil-miktub. F'konformità mat-tielet subparagrafu tal-Artikolu 12(1) tar-[regoli ta' proċedura tal-Kunsill](#) "Għandu jġi mfassal kull xahar mis-Segretarjat Ġenerali sommarju tal-atti adottati bil-proċedura bil-miktub. Dan is-sommarju għandu jkun fih id-dikjarazzjonijiet possibbli maħsuba sabiex jiddaħħlu fil-minuti tal-Kunsill. Il-partijiet ta' dan is-sommarju li jikkonċernaw l-adozzjoni ta' atti leġiżlattivi għandhom ikunu pubblikati."

² Fil-każ ta' atti leġiżlattivi adottati bil-proċedura leġiżlattiva ordinarja, jista' jkun hemm differenza bejn id-data tal-adozzjoni mill-Kunsill u d-data proprja tal-att inkwistjoni, peress li l-atti leġiżlattivi adottati bil-proċedura leġiżlattiva ordinarja jitqiesu li ġew adottati biss wara li jiġu ffirmati kemm mill-President tal-Kunsill u mill-President tal-Parlament Ewropew kif ukoll mis-Segretarji Ġenerali taż-żewġ istituzzjonijiet.

³ <https://www.consilium.europa.eu/mt/home/>

Id-dokumenti elenkati fis-sommarju jistgħu jinkisbu mir-reġistru pubbliku tad-dokumenti tal-Kunsill fuq: [Dokumenti u pubblikazzjonijiet - Consilium](#).

Jekk ma jkunux disponibbli direttament, tista' ssir talba għal aċċess għal dokumenti fuq: <https://www.consilium.europa.eu/mt/documents/public-register/request-document-form/>

Għandu jiġi nnotat li dan id-dokument huwa esklużivament għal finijiet ta' informazzjoni.

Proċeduri bil-miktub

Proċedura bil-miktub konklużi fil-25 ta' Ġunju 2026	CM 3410/26
<i>Deċiżjoni tal-Kunsill li temenda d-Deċiżjoni 2014/512/PESK dwar miżuri restrittivi fid-dawl tal-azzjonijiet tar-Russja li jiddestabbilizzaw is-sitwazzjoni fl-Ukrajna</i> <u>Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2026/1437 tal-25 ta' Ġunju 2026 li temenda d-Deċiżjoni 2014/512/PESK dwar miżuri restrittivi fid-dawl tal-azzjonijiet tar-Russja li jiddestabbilizzaw is-sitwazzjoni fl-Ukrajna</u>	10634/26